(i) Għall-kummerċ internazzjonali fi drapp magħmul minn fibra li ġejja mit-tqaxxir ta' vicuña ħajja, kemm jekk id-drapp ġie prodott ġewwa jew barra mill-Istati tal-firxa tal-ispeċi, il-kliem, il-marka jew il-logo jridu jintużaw sabiex dak il-pajjiż tal-orġini jkun jista' jiġi identifikat. Il-kliem VICUÑA [PAJJIŻ TAL-ORĠINI], il-marka jew il-logo għandu l-format kif deskritt taħt:



Dan il-kliem, marka jew logo jridu jidhru fuq il-parti ta' wara tad-drapp. Barra minn hekk, iċ-ċmus tad-drapp irid ikollhom fuqhom il-kliem VICUÑA [PAJJIŻ TAL-ORĠINI].

(ii) Għall-kummerċ internazzjonali fi ħwejjeġ magħmula minn fibra li ġejja mit-tqaxxir ta' vicuña ħajja, kemm jekk dawn ġew prodotti ġewwa jew barra mill-Istati tal-firxa tal-ispeċi, il-kliem, il-marka jew il-logo indikati fil-paragrafu b) i) iridu jintużaw. Dawn il-kliem, il-marka jew il-logo jridu jidhru fuq it-tabella tal-ħwejjeġ infushom. Jekk il-ħwejjeġ jiġu prodotti barra mill-pajjiż tal-orġini, l-isem tal-pajjiż fejn ġew prodotti l-ħwejjeġ irid jiġi indikat ukoll, flimkien mal-kliem, il-marka jew il-logo msemmija fil-paragrafu b) i).

(c) Għall-kummerċ internazzjonali fi prodotti magħmula bl-idejn minn fibra li ġejja mit-tqaxxir ta' vicuña ħajja magħmula fl-Istati tal-firxa tal-ispeċi, il-kliem VICUÑA [PAJJIŻ TAL-ORĠINI] — ARTESANÍA, il-marka jew il-logo jridu jintużaw kif spjegat hawn taħt:



(d) Jekk tintuża fibra li ġejja mit-tqaxxir ta' vicuña ħajja li ġejja minn diversi pajjiżi tal-orġini għall-produzzjoni tad-drapp u l-ħwejjeġ, il-kliem, il-marka jew il-logo ta' kull wiehied mill-pajjiżi tal-orġini tal-fibra jrid ikun indikat, kif spjegat fil-paragrafi b) i) u ii).

(e) L-eżemplari l-oħrajn kollha għandhom jitqiesu li huma eżemplari tal-ispeċijiet elenkati fl-Appendiċi I u l-kummerċ fihom għandu jiġi rregolat skont dan.

(²) L-ispeċijiet kollha huma elenkati fl-Appendiċi II tal-Konvenzjoni għajr *Balaena mysticetus*, *Eubalaena* spp., *Balaenoptera acutorostrata* (għajr għall-popolazzjoni tal-Punent ta' Greenland), *Balaenoptera bonaerensis*, *Balaenoptera borealis*, *Balaenoptera edeni*, *Balaenoptera musculus*, *Balaenoptera omurai*, *Balaenoptera physalus*, *Megaptera novaeangliae*, *Orcaella brevirostris*, *Orcaella heinsohni*, *Sotalia* spp., *Sousa* spp., *Eschrichtius robustus*, *Lipotes vexillifer*, *Caperea marginata*, *Neophocaena asiaorientalis*, *Neophocaena phocaenoides*, *Phocoena sinus*, *Physeter macrocephalus*, *Platanista* spp., *Berardius* spp., *Hyperoodon* spp., li huma elenkati fl-Appendiċi I. Eżemplari tal-ispeċijiet elenkati fl-Appendiċi II tal-Konvenzjoni, inklużi prodotti u derivati minbarra prodotti tal-laħam għal skopijiet kummerċjali, li jittieħdu min-nies ta' Greenland taħt liċenzja mogħtija mill-awtorità kompetenti konċernata, għandhom jitqiesu li jappartjenu għall-Anness B. Ġiet stabbilita kwota ta' esportazzjoni annwali ta' żero għall-eżemplari ħajjin mill-popolazzjoni ta' *Tursiops truncatus* fil-Baħar l-Iswed li jitneħħew mis-selvaġġ u jinbiegħu għal skopijiet primarjament kummerċjali.

(3) Popolazzjonijiet tal-Botswana, in-Namibja, l-Afrika t'Isfel u ż-Żimbabwe (elenkati fl-Anness B):

Għall-għan waħdieni li jippermetti: (a) kummerċ fi trofej tal-kaċċa għal għanijiet mhux kummerċjali; (b) kummerċ f'annimali ħajjin għal destinazzjonijiet xierqa u aċċettabbli kif definiti fir-Riżoluzzjoni Conf. 11.20 għall-Botswana u ż-Żimbabwe u għal programmi ta' konservazzjoni *in situ* għan-Namibja u l-Afrika t'Isfel; (c) kummerċ fil-ġlud; (d) kummerċ fix-xagħar; (e) kummerċ f'oġġetti tal-ġild għal għanijiet kummerċjali jew mhux kummerċjali għall-Botswana, in-Namibja u l-Afrika t'Isfel u għal għanijiet mhux kummerċjali fiż-Żimbabwe; (f) kummerċ f'Ekipas immarkati u ċċertifikati individwalment inkorporati f'gjojellerija ffinixjata għal għanijiet mhux kummerċjali għan-Namibja u tinqix fl-avorju għal għanijiet mhux-kummerċjali fiż-Żimbabwe; (g) kummerċ favorju mhux maħdum irregiŕtat (għall-Botswana, in-Namibja, l-Afrika t'Isfel u ż-Żimbabwe, sinnet u biċċiet sħaħ) soġġetti għal li ġej: (i) stokkijiet proprjetà tal-gvern irregiŕtati biss, li joriġinaw fl-Istat (minbarra avorju konfiskat jew avorju ta' oriġini mhux magħrufa); (ii) għas-sħab kummerċjali biss li, b'konsultazzjoni mal-Kumitat Permanenti, ġew ivverifikati mill-Kumitat Permanenti, li għandhom leġiżlazzjoni nazzjonali u kontrolli kummerċjali domestiċi suffiċjenti sabiex jiżguraw li l-avorju importat mhux se jiġi esportat mill-ġdid u se jiġi ġestit skont ir-rekwiżiti kollha tar-Riżoluzzjoni Conf. 10.10 (Rev. CoP14) dwar il-manifattura u l-kummerċ domestiċi; (iii) mhux qabel mas-Segretarjat ikun ivverifika l-pajjiżi prospettivi tal-importazzjoni u l-istokkijiet proprjetà tal-gvern irregiŕtati; (iv) avorju mhux maħdum skont il-bejgħ kundizzjonali ta' stokkijiet tal-avorju tal-gvern irregiŕtati maqbula f'CoP12 li huma 20 000 kg (il-Botswana), 10 000 kg (in-Namibja), u 30 000 kg (l-Afrika t'Isfel); (v) flimkien mal-kwantitajiet maqbula f'CoP12, l-avorju tal-gvern mill-Botswana, in-Namibja, l-Afrika t'Isfel u ż-Żimbabwe irregiŕtat sal-31 ta' Jannar 2007 u vverifikat mis-Segretarjat jista' jiġi kummerċjalizzat u ttrasportat, mal-avorju fil-paragrafu (g)(iv) hawn fuq f'bejgħ uniku għal kull destinazzjoni taħt superviżjoni stretta tas-Segretarjat; (vi) ir-rikavat mill-kummerċ jintuża esklussivament għall-konservazzjoni tal-iljunfanti u għal programmi komunitarji ta' konservazzjoni u żvilupp fi ħdan jew maġenb iż-żona fejn jimirħu l-iljunfanti; u (vii) il-kwantitajiet addizzjonali speċifikati fil-paragrafu (g)(v) hawn fuq għandhom jiġu kummerċjalizzati biss wara li l-Kumitat Permanenti jkun qabel li ġew issodisfati l-kundizzjonijiet imsemmija fuq; (h) l-ebda proposta ulterjuri li tippermetti l-kummerċ fl-avorju tal-iljunfanti minn popolazzjonijiet diġà fl-Anness B m'għandha titressaq lill-Konferenza tal-Partijiet għall-perjodu minn CoP14 u fi tmiem disa' snin mid-data tal-bejgħ uniku tal-avorju li għandu jseħħ skont id-dispożizzjonijiet fil-paragrafi (g)(i), (g)(ii), (g)(iii), (g)(vi) u (g)(vii). Barra minn hekk, dawn il-proposti ulterjuri għandhom jiġu ttrattati skont id-Deċiżjonijiet 14.77 u 14.78 (Rev. CoP15). Fuq proposta mis-Segretarjat, il-Kumitat Permanenti jista' jiddeċiedi li jwaqqaf dan il-kummerċ parzjalment jew għal kollox fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mill-pajjiżi esportaturi jew importaturi, jew fil-każ ta' prova ta' impatti ta' detriment tal-kummerċ fuq popolazzjonijiet oħrajn tal-iljunfanti. L-eżemplari l-oħrajn kollha għandhom jitqiesu li huma eżemplari tal-ispeċijiet inklużi fl-Anness A u l-kummerċ fihom għandu jiġi rregolat skont dan.

(4) Dawn li ġejjin mhumiex soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament:

Fossili;

Ramel qroll, jiġifieri, materjal li jikkonsisti kollu kemm hu jew parti minnu f'biċċiet imfarkin fini ta' qroll mejjet li mhux ikbar minn 2 mm f'dijametru, mhux identifikabbli sal-livell tal-ġenus, u li jista' jkun fih ukoll, fost l-oħrajn, xi fidal ta' Foraminifera, molluski u qxur krustaċeji, u alka korallina;

Frak tal-qroll (inkluż żrar u biċċiet tal-ġebel), jiġifieri, frak mhux ikkonsolidat ta' qroll mejjet qisu suba' li huwa mkisser u materjal ieħor bejn 2 u 30 mm meta mkejjejl fi kwalunkwe direzzjoni, mhux identifikabbli sal-livell tal-ġenus.

(5) Il-kummerċ fl-eżemplari bil-kodiċi tas-sors A huwa permess biss jekk l-eżemplari kkummerċjati jkollhom il-katafilli.

(6) Eżemplari ppropagati b'mod artifiċjali tal-ibridi u/jew kultivars li ġejjin mhumiex soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament:

Hatiora x graeseri

Schlumbergera x buckleyi

Schlumbergera russelliana x Schlumbergera truncata

Schlumbergera orssichiana x Schlumbergera truncata

Schlumbergera opuntioides x Schlumbergera truncata

Schlumbergera truncata (kultivars)

Mutanti tal-kulur Cactaceae spp., imlaqqma fuq dawn li ġejjin: *Harrisia* "Jusbertii", *Hylocereus trigonus* jew *Hylocereus undatus*

Opuntia microdasys (kultivars)

- (7) L-ibridi, propagati b'mod artifiċjali ta' *Cymbidium*, *Dendrobium*, *Phalaenopsis* u *Vanda* mhumiex suġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, meta l-eżemplari huma faċilment rikonoxxuti bħala ppropagati b'mod artifiċjali u ma jkollhom l-ebda sinjali li ngābrun mis-selvaġġ bħal ħsara mekkanika jew deidrazzjoni qawwija li tirriżulta minn għbir, tkabbir irregolari u daqs u forma eteroġeni fi ħdan grupp tassonomiku u konsenja, algi jew organiżmi epifillużi oħrajn imwāhhlin mal-weraq, jew ħsara minn insetti jew animali ta' ħsara oħra; u
- (a) meta ttrasportati fi stat mhux ta' fjura, l-eżemplari għandhom jiġu kummerċjalizzati f'kontenituri individwali (bħal kartun, kaxxi, uestuni jew xkafef individwali ta' kontenituri CC) fejn kull wieħed ikollu 20 pjanta jew iktar tal-istess ibridu; il-pjanti f'kull kontenitur għandhom juru grad għoli ta' uniformità u saħħa; u l-konsenja trid tkun akkumpanjata minn dokumentazzjoni, bħal fattura, li tiddikjara b'mod ċar l-għadd ta' pjanti ta' kull ibridu; jew
- (b) meta ttrasportati fi stat ta' fjura, b'mill-inqas fjura waħda miftuħa għal kollox għal kull eżemplar, l-ebda għadd minimu ta' eżemplari għal kull konsenja ma huwa meħtieġ iżda l-eżemplari għandhom jiġu pproċessati professjonalment għall-bejgħ bl-imnut kummerċjali, eż. tikkettati b'tikketti stampati jew ippakkjati fpakketti stampati bl-isem tal-ibridu u l-pajjiż tal-ipproċessar aħħari. Dan għandu jkun ċarament viżibbli u jippermetti l-verifika faċli. Pjanti li ma jikkwalifikawx ċarament għall-eżenzjoni għandhom ikunu akkumpanjati mid-dokumenti CITES xierqa.
- (8) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 tal-4 ta' Mejju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fauna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom (ĠU L 166, 19.6.2006, p. 1).
- (9) Eżemplari ppropagati b'mod artifiċjali ta' kultivars ta' *Cyclamen persicum* mhumiex suġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Dan ma japplikax, madankollu, għall-eżemplari nnegożjati bħat-tuberi inattivi.
- (10) Ibridi u kultivars ppropagati b'mod artifiċjali ta' *Taxus cuspidata*, ħajjin, fi qsari jew kontenituri zġħar oħra, kull konsenja akkumpanjata minn tikketta jew dokument li jiddikjara l-isem tal-grupp tassonomiku jew tassonomiċi u t-test "ippropagat b'mod artifiċjali", mhumiex suġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

	Anness D	Isem komuni
FAWNA		
CHORDATA (KORDATI)		
MAMMALIA		Mammiferi
CARNIVORA		
Canidae		Klieb, volpi, lupi
	<i>Vulpes vulpes griffithi</i> (III l-Indja) §1	Volpi aħmar
	<i>Vulpes vulpes montana</i> (III l-Indja) §1	Volpi aħmar
	<i>Vulpes vulpes pusilla</i> (III l-Indja) §1	Volpi aħmar
Mustelidae		Baġers, martori, ballottri, eċċ.
	<i>Mustela altaica</i> (III l-Indja) §1	Ballottra tal-muntanji
	<i>Mustela erminea ferghanae</i> (III l-Indja) §1	Stoat
	<i>Mustela kathiah</i> (III l-Indja) §1	Ballottra żaqqħa safra
	<i>Mustela sibirica</i> (III l-Indja) §1	Ballottra Siberjana

	Anness D	Isem komuni
DIPROTODONTIA Macropodidae	<i>Dendrolagus dorianus</i> <i>Dendrolagus goodfellowi</i> <i>Dendrolagus matschiei</i> <i>Dendrolagus pulcherrimus</i> <i>Dendrolagus stellarum</i>	Kangurijiet, wallabies Kangaru tas-siġar Doria Kangaru tas-siġar Goodfellow Kangaru tas-siġar Huon Kangaru tas-siġar bil-mantell dehbi Kangaru tas-siġar Seri
AVES		Għasafar
ANSERIFORMES Anatidae	<i>Anas melleri</i>	Papri, wiżż, ċinji Papra ta' Meller
COLUMBIFORMES Columbidae	<i>Columba oenops</i> <i>Didunculus strigirostris</i> <i>Ducula pickeringii</i> <i>Gallicolumba crinigera</i> <i>Ptilinopus marchei</i> <i>Turacoena modesta</i>	Bċieċen, Ħamiem Ħamiema Peruvjana Ħamiem tal-munqar bis-sniem Ħamiema imperjali griża Qalb imdemmija ta' Mindanao Beċċun tal-frott sidru nar Beċċun daqquqa iswed
GALLIFORMES Cracidae	<i>Crax alector</i> <i>Pauxi unicornis</i> <i>Penelope pileata</i>	Chachalaca, kurassow, gwan Kurassow iswed Kurassow muqran Gwan bl-ġhalla bajda
Megapodiidae	<i>Eulipoa wallacei</i>	Megapodi, scrubfowl Scrubfowl Molukkan

	Anness D	Isem komuni
Phasianidae	<i>Arborophila gingica</i> <i>Lophura bulweri</i> <i>Lophura diardi</i> <i>Lophura inornata</i> <i>Syrnaticus reevesii</i> §2	Faġani, haġliet, fargħuni, perniċi, tragopani Ħaġla b'dawret l-għonq bajda Faġan ta' Bulwer Fireback Sjamiz Faġan ta' Salvadori Faġan ta' Reeves
PASSERIFORMES		
Bombycillidae	<i>Bombycilla japonica</i>	Ġwienaħ xemgħa Ġewnaħ xemgħa Ġappuniż
Corvidae	<i>Cyanocorax caeruleus</i> <i>Cyanocorax dickeyi</i>	Ċawl, ċawl abjad, slaten iċ-ċawl Sultan iċ-ċawl ċelesti Sultan iċ-ċawl bit-troffa
Cotingidae	<i>Procnias nudicollis</i>	Cotingas Għasfur qanpiena b'għonqu mikxuf
Emberizidae	<i>Dacnis nigripes</i> <i>Sporophila falcirostris</i> <i>Sporophila frontalis</i> <i>Sporophila hypochroma</i> <i>Sporophila palustris</i>	Kardinals, wikkiela ż-żrieragħ, tanaġeri Daċnis saqajh suwed Wikkiel iż-żrieragħ ta' Temminck Wikkiel iż-żrieragħ gerzumtu baff Wikkiel iż-żrieragħ griż u qastni Wikkiel iż-żrieragħ tal-bur
Estrildidae	<i>Amandava amandava</i> <i>Cryptospiza reichenovii</i> <i>Erythrura coloria</i> <i>Erythrura viridifacies</i> <i>Estrilda quartinia</i> (Spiss kummerċjalizzat bħala <i>Estrilda melanotis</i>)	Manikini, waxbills Avadavat aħmar Ġewnaħ crimson u wiċċ aħmar Parrotfinch widnejh ħomor Parrotfinch wiċċu aħdar Waxbill żaqqu safra

	Anness D	Isem komuni
	<i>Hypargos niveoguttatus</i> <i>Lonchura griseicapilla</i> <i>Lonchura punctulata</i> <i>Lonchura stygia</i>	Twinspot ta' Peters Munqar fiddien rasu griża Munia sidirha bil-qxur Munia sewda
Fringillidae	<i>Carduelis ambigua</i> <i>Carduelis atrata</i> <i>Kozlowia roborowskii</i> <i>Pyrrhula erythaca</i> <i>Serinus canicollis</i> <i>Serinus citrinelloides hypostictus</i> (Spiss kumerċjalizzat bħala <i>Serinus citrinelloides</i>)	Sponsuni Sponsun aħdar b'rasu sewda Siskin iswed Sponsun tal-ward Tibetan Sponsun barri b'rasu griża Kanarin tal-Kap tal-Afrika Ċitrill tal-Afrika tal-Lvant
Icteridae	<i>Sturnella militaris</i>	Malvizzi suwed tad-Dinja l-Ġdida Sturnell tal-Pampas
Muscicapidae	<i>Cochoa azurea</i> <i>Cochoa purpurea</i> <i>Garrulax formosus</i> <i>Garrulax galbanus</i> <i>Garrulax milnei</i> <i>Niltava davidi</i> <i>Stachyris whiteheadi</i> <i>Swynnertonia swynnertoni</i> (Magħruf ukoll bħala <i>Pogonicichla swynnertoni</i>) <i>Turdus dissimilis</i>	Pappamoski tad-Dinja l-Qadima, malvizzi Cochoa ta' Ġava Cochoa vjola Malvizz daħqan bil-ġwienaħ ħomor Malvizz daħqan ta' għonqu isfar Malvizz daħqan b'denbu aħmar Niltava ta' Fuji Ċaċċarun wiċċu qastni Pitirross ta' Swynnerton Malvizz sidru iswed
Pittidae	<i>Pitta nipalensis</i> <i>Pitta steerii</i>	Pittas Pitta raqabtu blu Pitta raqabtu ċelesti

	Anness D	Isem komuni
Sittidae	<i>Sitta magna</i> <i>Sitta yunnanensis</i>	Sittidae Nuthatch ġgant Nuthatch yunnan
Sturnidae	<i>Lamprotornis regius</i> <i>Mino dumontii</i> <i>Sturnus erythropygius</i>	Majna, sturnelli Sturnell sidru dehbi Majna wiċċ isfar Sturnell rasu bajda
REPTILIA		Rettili
SAURIA		
Agamidae	<i>Physignathus cocincinus</i>	Dragun tal-ilma Ċiniż
Gekkonidae	<i>Rhacodactylus auriculatus</i> <i>Rhacodactylus ciliatus</i> <i>Rhacodactylus leachianus</i> <i>Teratoscincus microlepis</i> <i>Teratoscincus scincus</i>	Wiżgħat Wiżgħa mħattba tal-Kaledonja l-Ġdida Wiżgħa ġganta ta' Guichenot Wiżgħa ġganta tal-Kaledonja l-Ġdida Wiżgħa wonder bil-qxur żgħar Wiżgħa wonder komuni
Gerrhosauridae	<i>Zonosaurus karsteni</i> <i>Zonosaurus quadrilineatus</i>	Gremxul denbu mxewwek Gremxula mħażżma ta' Karsten Gremxula mħażżma kwadrilinea
Iguanidae	<i>Ctenosaura quinquecarinata</i>	Igwana denbu mxewwek
Scincidae	<i>Tribolonotus gracilis</i> <i>Tribolonotus novaeguineae</i>	Xaħmet l-art Xaħmet l-art kukkudrill Xaħmet l-art bl-elmu tal-Ginea l-Ġdida

	Anness D	Isem komuni
SERPENTES		
Colubridae		Sriep tipiċi, sriep tal-ilma, sriep frosta
	<i>Elaphe carinata</i> §1	Serp jinten tat-Tajwan
	<i>Elaphe radiata</i> §1	Serp wikkiel il-firien
	<i>Elaphe taeniura</i> §1	Serp bellezza tat-Tajwan
	<i>Enhydris bocourti</i> §1	Serp tal-ilma ta' Bocourt
	<i>Homalopsis buccata</i> §1	Serp tal-ilma maskarat
	<i>Langaha nasuta</i>	Serp imnieħru werqa tat-Tramuntana
	<i>Leioheterodon madagascariensis</i>	Serp menarana tal-Madagascar
	<i>Ptyas korros</i> §1	Serp wikkiel il-firien Indociniż
	<i>Rhabdophis subminiatus</i> §1	Keelback għonqu aħmar
Hydrophiidae		Sriep tal-baħar
	<i>Lapemis curtus</i> (Jinkludi <i>Lapemis hardwickii</i>) §1	Shaw's sea snake
Viperidae		Lifgħat
	<i>Calloselasma rhodostoma</i> §1	Lifgħa pit tal-Malaja
AMPHIBIA		
ANURA		Żrinġijiet u rospi
Dicroglossidae		Żrinġijiet
	<i>Limnonectes macrodon</i>	Żrinġ tax-Xmara bin-Nejbiet jew Żrinġ Ġgant ta' Java
Hylidae		Żrinġijiet tas-siġar
	<i>Phyllomedusa sauvagii</i>	Żrinġijiet tas-siġar waxy monkey
Leptodactylidae		Żrinġijiet neotropikali
	<i>Leptodactylus laticeps</i>	Żrinġijiet bit-tikek ħomor li jħaffru
Ranidae		Żrinġijiet
	<i>Pelophylax shqiperica</i>	Żrinġijiet Albaniżi li jgħixu fl-għadajjar

	Anness D	Isem komuni
CAUDATA		
Hynobiidae	<i>Ranodon sibiricus</i>	Salamandri Asjatiċi Salamandra ta' Semirechensk/Salamandra tal-Asja Ċentrali/Salamandra tas-Siberja
Plethodontidae	<i>Bolitoglossa dofleini</i>	Salamandri bla pulmuni Salamandri tal-palm ġgant
Salamandridae	<i>Cynops ensicauda</i> <i>Echinotriton andersoni</i> <i>Laotriton laoensis</i> <i>Liangshantriton taliangensis</i> <i>Paramesotriton</i> spp. (Għajr għall-ispeċijiet inklużi fl-Anness B) <i>Tylototriton</i> spp.	Gremxul tal-ilma u salamandri Gremxul tal-ilma bid-denb forma ta' xabla Salamandra ta' Anderson Gremxul tal-ilma bid-denb forma ta' palella Gremxul tal-ilma bil-felul Gremxul tal-ilma li jixbah il-kukkudrilli
ACTINOPTERYGII		Ħut
PERCIFORMES		
Apogonidae	<i>Pterapogon kauderni</i>	Huta kardinal Banggai
ARTHROPODA (ARTROPODI)		
INSECTA		Insetti
LEPIDOPTERA		
Papilionidae	<i>Baronia brevicornis</i> <i>Papilio grosemithi</i> <i>Papilio maraho</i>	Friefet birdwing u swallowtail Baronia b'qarn qasir Swallowtail b'denb wiesgħa

	Anness D	Isem komuni
MOLLUSCA (MOLLUSKI)		
GASTROPODA		
Haliotidae		
	<i>Haliotis midae</i>	Imħar ta' widnet Mida
FLORA		
AGAVACEAE		Agavi
	<i>Calibanus hookeri</i>	
	<i>Dasyilirion longissimum</i>	Ħaxix l-ors
ARACEAE		Arumi
	<i>Arisaema dracontium</i>	
	<i>Arisaema erubescens</i>	
	<i>Arisaema galeatum</i>	
	<i>Arisaema nepenthoides</i>	
	<i>Arisaema sikokianum</i>	
	<i>Arisaema thunbergii</i> var. <i>urashima</i>	
	<i>Arisaema tortuosum</i>	
	<i>Biarum davisii</i> ssp. <i>marmarisense</i>	
	<i>Biarum ditschianum</i>	
COMPOSITAE (ASTERACEAE)		Asteri, margeriti, costus
	<i>Arnica montana</i> §3	
	<i>Othonna cacalioides</i>	
	<i>Othonna clavifolia</i>	
	<i>Othonna hallii</i>	
	<i>Othonna herrei</i>	
	<i>Othonna lepidocaulis</i>	
	<i>Othonna retrorsa</i>	
		Tabakk tal-muntanja

	Anness D	Isem komuni
ERICACEAE	<i>Arctostaphylos uva-ursi</i> §3	Savini, rododendri Bearberry
GENTIANACEAE	<i>Gentiana lutea</i> §3	Ġentjani Ġentjan isfar kbir
LILIACEAE	<i>Trillium pusillum</i> <i>Trillium rugelii</i> <i>Trillium sessile</i>	Wakerobins Wakerobin nanu Wakerobin jinten Ġilju tal-bosk wakeobin bil-fjuri sessili
LYCOPODIACEAE	<i>Lycopodium clavatum</i> §3	Clubmosses Stagshorn clubmoss
MELIACEAE	<i>Cedrela montana</i> §4 <i>Cedrela oaxacensis</i> §4 <i>Cedrela salvadorensis</i> §4 <i>Cedrela tonduzii</i> §4	Kawba, ċedru
MENYANTHACEAE	<i>Menyanthes trifoliata</i> §3	Bogbeans Bogbean
PARMELIACEAE	<i>Cetraria islandica</i> §3	Likeni parmeliodi Ħażiż Iżlandiż
PASSIFLORACEAE	<i>Adenia glauca</i> <i>Adenia pechuelli</i>	Ward tad-deżert Warda tad-deżert Warda tad-deżert
PEDALIACEAE	<i>Harpagophytum</i> spp. §3	Ġunġlien, difer ix-xitan Difer ix-xitan

	Anness D	Isem komuni
PORTULACACEAE	<i>Ceraria carrissoana</i> <i>Ceraria fruticulosa</i>	Portulas, purslanes
SELAGINELLACEAE	<i>Selaginella lepidophylla</i>	Clubmosses, spikemosses Warda ta' Ġeriko

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/129**tal-25 ta' Jannar 2017****li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 743/2013 li jintroduċi miżuri ta' protezzjoni dwar l-importazzjonijiet tal-molluski bivalvi mit-Turkija intenzjonati għall-konsum mill-bniedem fir-rigward tal-perjodu tal-applikazzjoni tiegħu****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 22(6) tagħha,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 743/2013 ⁽²⁾ ġie adottat minħabba li s-servizz tal-awditjar tal-Kummissjoni identifika nuqqasijiet fit-Turkija fl-implimentazzjoni tal-kontrolli uffiċjali tal-produzzjoni tal-molluski bivalvi intenzjonati għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, kif ukoll minħabba li l-Istati Membri rrapportaw kunsinni mhux konformi ta' molluski bivalvi li oriġinaw mit-Turkija u li ma kinux qed jissodisfaw l-istandards mikrobijoloġiċi tal-Unjoni.
- (2) L-aħħar awditu tas-servizz tal-awditjar tal-Kummissjoni, li sar f'Settembru 2015, sab li kien għad hemm nuqqasijiet sinifikanti fis-sistema ta' kontroll għall-molluski bivalvi intenzjonati għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni. L-awtoritajiet kompetenti Torok ippreżentaw l-informazzjoni dwar il-miżuri korrettivi li nbdew biex jiġu indirizzati daww in-nuqqasijiet. Madankollu, uħud minn daww in-nuqqasijiet, partikolarment fil-prestazzjoni tal-laboratorji, għadhom jeżistu. Minħabba n-natura tal-prodotti involuti, qabel ma jiġi kkunsidrat li jitneħħew il-miżuri, huwa meħtieġ awditjar ta' segwitu.
- (3) Għalhekk, il-limitu tal-applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 743/2013 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 743/2013, id-data "31 ta' Diċembru 2016" għandha tinbidel u ssir "31 ta' Diċembru 2017".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 24, 30.1.1998, p. 9.⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 743/2013 tal-31 ta' Lulju 2013 li jintroduċi miżuri ta' protezzjoni dwar l-importazzjonijiet tal-molluski bivalvi mit-Turkija intenzjonati għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 205, 1.8.2013, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Jannar 2017.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/130**tal-25 ta' Jannar 2017****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.
- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Jannar 2017.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali

Direttorat Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.⁽²⁾ ĠUL 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNEX

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)		
Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	MA	135,1
	SN	268,2
	TR	175,2
	ZZ	192,8
0707 00 05	EG	250,3
	MA	79,2
	TR	209,9
0709 91 00	ZZ	179,8
	EG	168,8
	ZZ	168,8
0709 93 10	MA	277,7
	TR	239,8
	ZZ	258,8
0805 10 22, 0805 10 24, 0805 10 28	EG	54,2
	MA	48,6
	TN	59,5
	TR	73,1
	ZZ	58,9
0805 21 10, 0805 21 90, 0805 29 00	EG	83,8
	IL	134,6
	JM	109,0
	MA	80,7
	TR	86,3
	ZZ	98,9
	IL	139,7
	MA	79,0
0805 50 10	ZZ	109,4
	AR	92,5
	EG	85,5
0808 10 80	TR	93,7
	ZZ	90,6
	CN	145,5
	US	124,9
0808 30 90	ZZ	135,2
	CN	93,3
	TR	154,0
	ZA	84,4
	ZZ	110,6

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/131

tal-24 ta' Jannar 2017

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/184/UE li teżenta ċertu servizzi fis-settur postali fl-Awstrija mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi postali

(notifikata bid-dokument C(2017) 259)

(It-test bil-Ġermaniż biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-paragrafi 5 u 6 tal-Artikolu 30 tagħha,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv dwar l-Akkwist Pubbliku,

Billi:

- (1) Fl-1 ta' Ottubru 2013, Österreichische Post AG (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Posta Awstrijaka") baġtet talba lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 30(5) tad-Direttiva 2004/17/KE. It-talba tikkonċerna ċerti servizzi postali, kif ukoll ċerti servizzi oħrajn li mhumiex postali, u ż-żewġ tipi ta' servizzi huma pprovduti mill-Posta Awstrijaka fit-territorju tal-Awstrija. Is-servizzi kkonċernati huma deskritti fit-talba kif ġej:
 - (a) servizzi postali għal ittri indirizzati bejn konsumaturi tan-negozju (minn hawn 'il quddiem imsejħa "B2B") u bejn konsumaturi ta' negozji u konsumaturi privati (minn hawn 'il quddiem imsejħa "B2C") fuq livell nazzjonali ("domestiċi" u "għal ġewwa");
 - (b) servizzi postali għal ittri indirizzati bejn klijenti privati (minn hawn 'il quddiem imsejħa "C2C") u bejn klijenti privati u klijenti kummerċjali (minn hawn 'il quddiem imsejħa "C2B") fuq livell nazzjonali ("domestiċi" u "għal ġewwa");
 - (c) servizzi postali għal ittri internazzjonali indirizzati ("għal barra") B2B u B2C (minn hawn 'il quddiem imsemmija "B2X") kif ukoll C2B u C2C (minn hawn 'il quddiem imsemmija "C2X");
 - (d) servizzi postali għal reklamar indirizzat fuq livell nazzjonali u internazzjonali;
 - (e) servizzi postali għal reklamar mhux indirizzat, fuq livell nazzjonali u internazzjonali;
 - (f) servizzi postali għal gazzetti indirizzati u mhux indirizzati;
 - (g) servizzi ta' manġment għall-mailrooms;
 - (h) servizzi b'valur miżjud marbuta ma' mezzi elettroniċi u pprovduti għalkollox permezz ta' mezzi bħal dawn;
 - (i) il-filatelija — bolol speċjali tal-posta;
 - (j) servizzi finanzjarji.

⁽¹⁾ ĠUL 134, 30.4.2004, p. 1.

- (2) Fit-2 ta' April 2014, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2014/184/UE ⁽¹⁾. Permezz ta' din id-Deċiżjoni, dawn is-servizzi postali fl-Awstrija ġew eżentati mir-regoli dwar l-akkwist pubbliku:
- (a) servizzi ta' manġment għall-mailrooms;
 - (b) servizzi b'valur miżjud marbuta ma' mezzi elettroniċi u pprovduti għalkollox permezz ta' mezzi bħal dawn;
 - (c) servizzi ta' filatelija u servizzi ta' pagamenti pprovduti fisimha stess.
- (3) Għall-bqija tas-servizzi speċifikati fit-talba, il-Kummissjoni sabet li l-kundizzjonijiet għal eżenzjoni ma ġewx issodisfati, u għalhekk id-Direttiva 2004/17/KE kompliet tapplika.
- (4) Fl-24 ta' Ġunju 2014, il-Posta Awstrijaka ppreżentat ⁽²⁾ rikors għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/184/UE quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja.
- (5) Fis-27 ta' April 2016, il-Qorti Ġenerali annullat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/184/UE, minħabba li din tiddikjara li dik id-Direttiva tibqa' tapplika għas-suq tas-servizzi postali għall-ittri indirizzati B2B u B2C fil-livell internazzjonali fl-Awstrija. Fir-rigward tal-bqija, il-Qorti Ġenerali ħadet ir-rikors tal-Posta Awstrijaka.
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/184/UE tiġi emendata skont dan,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/184/UE qed jiżded il-punt li ġej:

“(e) is-servizzi postali għal ittri internazzjonali indirizzati B2B u B2C”;

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Awstrija.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Jannar 2017.

Għall-Kummissjoni
Elżbieta BIENKOWSKA
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/184/UE tat-2 ta' April 2014 li teżenta ċertu servizzi fis-settur postali fl-Awstrija mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi postali (ĠU L 101, 4.4.2014, p. 4).

⁽²⁾ Österreichische Post AG v. il-Kummissjoni, T-463/14, EU:T:2016:243

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/132**tal-24 ta' Jannar 2017****dwar l-applikabbiltà tal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-kuntratti mogħtija għall-provvista tal-infrastruttura tal-ajruporti għall-merkanzija fl-Awstrija***(notifikata bid-dokument C(2017) 260)***(It-test bil-Ġermaniż biss huwa awtentiku)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali ⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 30(5) tagħha,Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 35(3) tagħha,

Wara li kkunsidrat it-talba mressqa minn Flughafen Wien,

Billi:

1. IL-KUNTEST FATTWALI**1.1. It-Talba**

- (1) Fis-16 ta' Jannar 2015, il-Kummissjoni rċeviet talba minn Flughafen Wien (l-Ajruport ta' Vjenna, minn hawn 'il quddiem, "l-Applikant") skont l-Artikolu 30 tad-Direttiva 2004/17/KE (minn hawn 'il quddiem "it-Talba").
- (2) It-Talba kienet tikkonċerna attivitajiet relatati mal-isfruttament ta' żona ġeografika għall-provvista tal-infrastruttura tal-ajruporti fuq it-territorju tal-Awstrija ⁽³⁾.
- (3) It-Talba hija akkumpanjata minn opinjoni tal-awtorità indipendenti li hija kompetenti għas-servizzi tal-ajruport fl-Awstrija, il-Ministeru Federali għat-Trasport, l-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (minn hawn 'il quddiem "BMVIT"), datata t-22 ta' Diċembru 2014. Dik l-opinjoni (minn hawn 'il quddiem "l-Opinjoni") tindirizza l-kwistjoni dwar jekk hemmx aċċess liberu għas-suq u jekk l-attivitajiet soġġetti għat-Talba humiex esposti direttament għall-kompetizzjoni.
- (4) Fl-2010, l-Applikant resaq għall-ewwel darba lejn il-Kummissjoni biex jiddiskuti, b'mod informali, il-possibiltajiet għal eżenzjoni mir-regoli tal-akkwist pubbliku. L-ewwel skambji ta' fehmiet kienu bbażati fuq abbozz ta' talba li kien diskuss matul il-laqgħa tas-17 ta' Marzu 2010. Dik il-laqgħa kienet segwita minn lista bil-miktub informali tal-kummenti u l-mistoqsijiet mibgħuta mill-Kummissjoni lill-Applikant fit-12 ta' April 2010.
- (5) Fis-26 ta' Settembru 2013, l-Applikant issottometta abbozz aġġornat tat-Talba. Wara dik is-sottomissjoni, il-Kummissjoni kkummentat bil-miktub (permezz ta' ittra datata l-15 ta' Novembru 2013). L-Applikant wieġeb għall-ittra tal-Kummissjoni, fit-2 ta' April 2014, u wara segwa skambju ieħor informali ta' fehmiet fl-aqgħa tas-26 ta' Ġunju 2014.

⁽¹⁾ ĠUL 134, 30.4.2004, p. 1.⁽²⁾ ĠUL 94, 28.3.2014, p. 243.⁽³⁾ Għalkemm l-Applikant huwa l-ajruport ta' Vjenna, it-Talba tikkonċerna l-attività tal-provvista ta' ajruporti fl-Awstrija, għalhekk l-ajruporti kollha Awstrijaċi huma koperti mit-Talba.

- (6) Fis-16 ta' Jannar 2015, l-Applikant issottometta formalment it-Talba għal eżenzjoni.
- (7) Fil-5 ta' Frar 2016, l-Applikant irtira t-Talba meta jkun ikkonċernat il-bejgħ bl-immnut ⁽¹⁾.
- (8) Id-dritt Awstrijak dwar l-akkwist pubbliku ⁽²⁾ jippermetti li l-entitajiet kontraenti jissottomettu talbiet skont l-Artikolu 30 tad-Direttiva 2004/17/KE.
- (9) VIE huwa entità kontraenti skont l-Artikolu 4(1)(b) tad-Direttiva 2014/25/UE, billi jwettaq attività relatata mal-isfruttament ta' żona ġeografika għall-provvista tal-ajruporti skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2014/25/UE u jopera abbażi ta' dritt speċjali fit = tifsira tal-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2014/25/UE.
- (10) Wara l-ewwel valutazzjoni, il-Kummissjoni kkunsidrat li t-Talba ma kinitx tinkludi l-informazzjoni meħtieġa biex tippermetti valutazzjoni xierqa tal-kriterji rilevanti għall-iskopijiet ta' eżenzjoni mir-regoli tal-akkwist pubbliku.
- (11) Fis-27 ta' Frar 2015, il-Kummissjoni talbet lill-Applikant jissupplimenta t-Talba bl-informazzjoni nieqsa u jipprovi evidenza empirika sabiex juri d-definizzjoni tas-suq magħżul, flimkien ma' dejta aktar affidabbli dwar is-sitwazzjoni kompetittiva għal kull wieħed mis-swieq. It-tweġibiet kienu mibgħuta mill-Applikant, permezz ta' e-mails tal-4 u l-15 ta' Settembru 2015. Fil-21 ta' Settembru 2015 u fit-23 ta' Ottubru 2015 il-Kummissjoni talbet lill-Applikant jipprovi kjarifiki ulterjuri għat-tweġiba tal-15 ta' Settembru 2015. It-tweġibiet tal-Applikant waslu fl-14 ta' Ottubru 2015, u fil-5 ta' Frar 2016. Minħabba l-fatt li t-tweġibiet ma kinux waslu sad-data tal-iskadenza stabbilita mill-Kummissjoni, il-limitu taż-żmien biex tittieħed deċiżjoni kien sospiż matul il-perjodu bejn id-data tal-iskadenza stabbilita fit-talba għall-informazzjoni (it-13 ta' Marzu 2015), u d-data li fiha waslet l-informazzjoni kompluta (il-5 ta' Frar 2016). Il-Partijiet qablu fuq estensjoni oħra taż-żmien. Id-data tal-iskadenza l-ġdida għall-adozzjoni kienet id-29 ta' Lulju 2016.
- (12) B'mod parallel, fl-20 ta' April 2015 il-Kummissjoni talbet għal informazzjoni addizzjonali mill-awtoritajiet Awstrijaċi. It-tweġibiet kienu trażmessi mill-awtoritajiet Awstrijaċi, permezz tal-posta elettronika tat-3 ta' Lulju 2015.
- (13) Sar skambju ulterjuri ta' korrisondenza fir-rigward tal-istatus ġuridiku tal-Applikant bħala parti kontraenti. Fit-22 ta' April u fid-19 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali mingħand l-Applikant. L-Applikant wieġeb fl-4 ta' Mejju u fl-1 ta' Lulju 2016 rispettivament. Barra minn hekk, fil-11 ta' Lulju u fit-23 ta' Settembru 2016 il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali dwar dan is-suġġett mill-Awtoritajiet Awstrijaċi. L-Awtoritajiet Awstrijaċi wiegħbu fil-31 ta' Awwissu u fit-30 ta' Settembru 2016 rispettivament.
- (14) Fil-5 ta' Lulju 2016, minħabba l-ħtieġa li tinkiseb u tiġi analizzata l-informazzjoni addizzjonali, id-data tal-iskadenza għall-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar dan il-każ ġiet estiża għall-31 ta' Ottubru 2016, bi qbil mal-partijiet.
- (15) Minħabba l-fatt li t-tweġibiet għat-talba għall-informazzjoni ma kinux waslu sad-data tal-iskadenza stabbilita mill-Kummissjoni, il-limitu taż-żmien biex tittieħed deċiżjoni kien sospiż matul il-perjodu bejn id-data tal-iskadenza stabbilita fit-talba għall-informazzjoni (id-9 ta' Awwissu 2016), u d-data li fiha waslet l-informazzjoni kompluta (il-31 ta' Awwissu 2016), għalhekk id-data tal-iskadenza l-ġdida għall-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni saret it-23 ta' Novembru 2016.
- (16) Fit-8 ta' Novembru 2016, l-Applikant irtira t-Talba billi din testendi sal-provvista tal-infrastruttura tal-ajruport għat-traffiku tal-passiġġieri, is-servizzi tal-gourndhandling u l-parkeġġ. Għalhekk it-Talba nżammet biss fir-rigward tal-provvista tal-infrastruttura tal-ajruport għall-merkanzija. Fit-18 ta' Novembru 2016, intlaħaq qbil reċiproku mill-partijiet dwar data tal-iskadenza ġdid għal Deċiżjoni tal-Kummissjoni. Din id-data tal-iskadenza ġiet stabbilita għall-31 ta' Jannar 2017.

⁽¹⁾ L-ittra tal-applikant tal-5 ta' Frar 2016, p. 1.

⁽²⁾ Bundesvergabegesetz, it-Taqsima 179(5).

- (17) Fit-23 ta' Settembru 2015, l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru — IATA, issottomettiet dokument ta' pożizzjoni dwar il-valutazzjoni tal-kompetizzjoni fis-settur tal-ajruporti fl-Awstrija fir-rigward tat-Talba għal eżenzjoni mir-regoli tal-akkwist pubbliku. F'dan il-każ, is-sottomissjoni kienet ibbażata fuq l-avviż ⁽¹⁾ tal-ftuħ tal-proċedura. Id-dokument ta' pożizzjoni jiffoka fuq il-valutazzjoni tal-provvista tas-servizzi diretti tat-trasport bl-ajru tal-passiġġieri fil-livell internazzjonali.

1.2. Is-settur tal-ajruporti fl-Awstrija

- (18) Fil-preżent hemm 6 ajruporti kummerċjali fl-Awstrija, jiġifieri l-Ajruport ta' Vjenna (minn hawn 'il quddiem imsemmi bil-kodiċi tal-IATA tiegħu, bħala "VIE"), l-Ajruport ta' Graz (minn hawn 'il quddiem "GRZ"), l-Ajruport ta' Innsbruck (minn hawn 'il quddiem "INN"), l-Ajruport ta' Klagenfurt (minn hawn 'il quddiem "KLU"), l-Ajruport ta' Linz (minn hawn 'il quddiem "LNZ") u l-Ajruport ta' Salzburg (minn hawn 'il quddiem "SZG").
- (19) L-operatur ta' VIE huwa kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata ⁽²⁾ elenkata fil-Borża ta' Vjenna sa mill-1992, filwaqt li l-operaturi tal-ajruporti l-oħrajn Awstrijaċi huma kollha kumpaniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata.
- (20) Is-sitt ajruporti kummerċjali Awstrijaċi qdew total ta' 26,3 miljun passihieri fl-2013 ⁽³⁾ u madwar [...] ⁽⁴⁾ tunnelli ta' merkanzija fis-sena ⁽⁵⁾.

2. IL-QAFAS ĠURIDIKU

- (21) Id-Direttiva 2014/25/UE tapplika għall-ġhodi ta' kuntratti għall-attivitàjiet relatati mal-provvista tal-infrastruttura tal-ajruporti, sakemm din l-attività mhux eżentata skont l-Artikolu 34 ta' dik id-Direttiva.
- (22) Skont l-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE, il-kuntratti intiżi biex jippermettu t-tweqqif ta' attività li għaliha tapplika dik id-Direttiva ma jkunux soġġetti għal dik id-Direttiva jekk, fl-Istat Membru fejn titwettaq l-attività, din tkun esposta direttament għall-kompetizzjoni fi swieq fejn l-aċċess ma jkun ristrett. L-esponiment dirett għall-kompetizzjoni huwa vvalutat abbażi ta' kriterji oġġettivi, b'kunsiderazzjoni tal-karatteristiċi speċifiċi tas-settur ikkonċernat. L-aċċess jitqies bħala mhux ristrett jekk l-Istat Membru jkun implimenta u applika l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, li tiftaħ settur partikolari jew parti minnu. Dik il-leġiżlazzjoni hija mniżżla fl-Anness III tad-Direttiva 2014/25/UE. Madankollu, għall-provvista ta' installazzjonijiet tal-ajruport, dak l-Anness ma jelenkax kwalunkwe leġiżlazzjoni rilevanti li tilliberalizza dan is-settur. Konsegwentement, l-aċċess ħieles għas-suq ma jistax ikun preżunt, u għandu jintwera *de facto* u *de jure*.
- (23) L-esponiment dirett għall-kompetizzjoni għandu jiġi evalwat abbażi ta' diversi indikaturi, li l-ebda wieħed minnhom ma huwa neċessarjament deċiżiv, per se. Fir-rigward tas-swieq konċernati minn din id-Deċiżjoni, l-ishma mis-suq jikkostitwixxu kriterju wieħed u għandhom jingħataw kunsiderazzjoni. Minħabba l-karatteristiċi tas-swieq konċernati, għandhom jiġu kkonfermati kriterji oħra.
- (24) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr ħsara għall-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni u oqsma oħra tad-dritt tal-Unjoni. B'mod partikolari, il-kriterji u l-metodoloġija użati biex jiġi vvalutat l-esponiment dirett għall-kompetizzjoni skont l-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE mhumiex neċessarjament identiċi għal dawk użati biex titwettaq valutazzjoni skont l-Artikolu 101 jew 102 tat-Trattat jew tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽⁶⁾. Dan il-punt ġie kkonfermat ukoll mill-Qorti f'sentenza reċenti ⁽⁷⁾.

⁽¹⁾ ĠU C 93, 20.3.2015, p. 22.

⁽²⁾ VIE hija fl-aħħar mill-aħħar posseduta fi proporzjon ta' 40 % mill-awtoritajiet reġjonali skont it-tifsira tal-Art. 2(1) tad-Direttiva 2004/17/KE, iżda l-pożizzjoni legali ta' VIE bħala impriża pubblika, skont it-tifsira tal-Art. 2(1)(b) tad-Direttiva 2004/17/KE, kienet ikkonfermata mill-Uffiċċju Awstrijak tal-Akkwisti Federali (Ref. Bundesvergabeamt, N/0117-BVA/02/2009-24 u Bundesvergabeamt, N/0117-BVA/02/2009-EV8).

⁽³⁾ Skont l-istudju "The Austrian Aviation sector in the context of business location Austria" (Is-settur tal-Avjazzjoni Awstrijak fil-kuntest tal-lokazzjoni tan-negozju l-Awstrija), Ġunju 2014, p. 3.

⁽⁴⁾ Informazzjoni kunfidenzjali

⁽⁵⁾ Skont l-informazzjoni pprovduta fl-Anness 7, it-total tal-volumi ta' merkanzija kien ta' 226 606 tunnelli fl-2010, 208 913 tunnelli fl-2011 u 188 261 tunnelli fl-2012.

⁽⁶⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1).

⁽⁷⁾ Is-Sentenza tas-27 ta' April 2016, *Österreichische Post AG v. il-Kummissjoni*, T-463/14, ECLI:EU:T:2016:243, il-punt 28.

- (25) Wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-għan ta' din id-Deċiżjoni huwa li tistabbilixxi jekk is-servizzi kkonċernati mit-Talba humiex esposti għal tali livell ta' kompetizzjoni (fis-swieq li l-aċċess għalihom mhuwiex ristrett skont it-tifsira tal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE) li jiżgura li, anki fin-nuqqas tad-dixxiplina miġjuba mir-regoli dettaljati tal-akkwist stabbiliti fid-Direttiva 2014/25/UE, l-akkwist għat-tweġiq tal-attivitajiet ikkonċernati jsir b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju abbażi ta' kriterji li jippermettu li x-xerrejja jidentifikaw is-soluzzjoni li b'mod ġenerali tkun l-aktar waħda vantaġġuża ekonomikament.

3. VALUTAZZJONI

3.1. Aċċess liberu għas-suq

- (26) F'dan il-każ, l-attività rilevanti hija l-provvista tal-infrastruttura tal-ajruport għall-merkanzija.
- (27) Rigward il-provvista tal-infrastruttura tal-ajruporti, ma hemm l-ebda leġislazzjoni tal-Unjoni rilevanti li fuq il-bażi tagħha jista' jiġi preżunt li hemm aċċess liberu għas-suq, għalhekk huwa meħtieġ li l-valutazzjoni rilevanti ssir fuq il-bażi tal-każistika eżistenti tal-Qorti tal-Ġustizzja li tappartjeni għal-libertà tal-istabbiliment skont l-Artikolu 49 TFUE.
- (28) Skont l-Applikant, l-aċċess għas-suq mhuwiex ristrett *de jure*. Fl-Awstrija, it-Taqsima 71(1) tal-*Luftfahrtgesetz* (LFG, l-Att dwar l-Avjazzjoni) tippovdi li operatur li japplika għal liċenzja ta' ajruport ċivili jkun intitolat li jirċievi "liċenzja ta' ajruport ċivili" jekk il-pjan li jistabbilixxi ajruport ikun adegwat mill-fehma teknika u jkun mistenni mmaniġġjar sikur, l-operatur huwa affidabbli, xieraq u għandu biżżejjed riżorsi finanzjarji, u ma hemm l-ebda "interess pubbliku ieħor" konfliġġenti. F'dan ir-rigward, skont it-Taqsima 71(2) LFG, ajruport pubbliku ppjanat huwa preżunt li ma jkunx fl-interess tal-pubbliku, jekk it-tliet kundizzjonijiet li ġejjin ma jiġux sodisfatti fl-istess ħin: (i) jekk l-ajruport huwa inqas minn 100 km 'il bogħod minn ajruport pubbliku eżistenti, (ii) l-ajruport probabbli jkun ta' xkiel għall-funzjonijiet tat-trasport ta' ajruport eżistenti, u (iii) l-ajruport eżistenti jista' jibda jopera fi żmien sitt xhur id-doveri prospettivi tal-ajruport ippjanat u lest li jagħmel dan.
- (29) Huwa pertinenti li wieħed jiftakar li hija każistika stabbilita li sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel ma tistax tilleġittima deċiżjonijiet diskrezzjonarji li jittieħdu mill-awtoritajiet nazzjonali li probabbilment jiċħdu l-effettività tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni⁽¹⁾. Sabiex sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel tkun ġustifikata anki jekk din tidderoga mil-libertà fundamentali li tippovdi servizzi, din trid fi kwalunkwe każ tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi, mhux diskriminatorji li huma magħrufin bil-quddiem, b'mod li tillimita l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali, sabiex ma tintużax b'mod arbitrarju⁽²⁾.
- (30) Barra dan, jekk is-sistema tal-awtorizzazzjoni timponi kundizzjonijiet relatati mad-distanza minima bejn l-impriżi, tali sistema tista' titqies ġustifikata, jekk din hija ġeneralment xierqa biex jinkiseb l-għan li jiġi żgurat li l-provvista tas-servizz lill-pubbliku, bħall-provvista tal-infrastruttura tal-ajruport u s-servizzi relatati, hija affidabbli u ta' kwalità tajba⁽³⁾. Skont il-każistika tal-Qorti, il-leġiżlazzjoni nazzjonali għandha tkun xierqa biex tiżgura li jinkiseb l-għan invokat biss jekk din tirrifletti ġenwinament tħassib biex jinkiseb dak l-għan b'mod konsistenti u sistematiku⁽⁴⁾.
- (31) F'dak li għandu x'jaqsam mat-tieni kriterju li jistabbilixxi preżunzjoni ta' nuqqas ta' interess pubbliku, jiġifieri l-kundizzjoni li l-ajruport ippjanat probabbilment ifixkel il-funzjonijiet tat-trasport ta' ajruport eżistenti, l-Applikant jinvoqa sentenza f'kawża li tikkonċerna l-Kodiċi Awstrijak dwar il-Linji tat-Trasport bil-Mutur⁽⁵⁾ (*Kraftfahriniengesetz*, KfLG) fejn il-Qorti Amministrattiva Suprema Awstrijaka (VwGH) iddeċidiet li t-tieni kriterju ma għandux jiġi miflum b'mod li jipproteġi impriża eżistenti mill-kompetizzjoni. Madankollu, skont il-Qorti Amministrattiva Suprema Awstrijaka, anki jekk detentur ta' konċessjoni ġdida jista' jkun obligat jittollera l-kompetizzjoni man-negozju tiegħu minn impriża oħrajn, dan isib il-limiti tiegħu fejn id-detentur tal-konċessjoni

⁽¹⁾ Il-Kawża C-157/99 *Smits u Peerbooms* [2001] ECLI:EU:C:2001:404, il-paragrafu 90; Il-Kawża C-385/99 *Müller-Fauré u van Riet* [2003] ECLI:EU:C:2003:270, il-paragrafu 84; Il-Kawża C-372/04 *Watts* [2006] ECLI:EU:C:2006:325, il-paragrafu 115. Il-Paragrafu 70 huwa mill-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali, il-paragrafu 115 huwa mis-sentenza.

⁽²⁾ Il-Kawża C-205/99 *Analir u Oħrajn* [2001] ECLI:EU:C:2001:107, il-paragrafu 38; Il-Kawża C-372/04 *Watts* [2006] ECLI:EU:C:2006:325, il-paragrafu 116.

⁽³⁾ Il-Kawża Magħqda C-570/07 u C-571/07 *Blanco Pérez u Chao Gómez* [2010] ECLI:EU:C:2010:300, para. 94.

⁽⁴⁾ Ara, pereżempju, il-Kawża C-169/07 *Hartlauer* [2009] ECLI:EU:C:2009:141, il-paragrafu 55; Il-Kawża Magħqda C-338/04, C-359/04 u C-360/04 *Placanica u Oħrajn* [2007] ECLI:EU:C:2007:133, il-paragrafi 53 u 58.

⁽⁵⁾ Is-Sentenza tal-25 ta' Marzu 2009, 2008/03/0090.

eżistenti jsofri telf ta' qligħ li manifestament jixħet dubju fuq l-operazzjoni ekonomika ta' rotta eżistenti. Barra dan, skont l-istess Qorti, deterjorazzjoni fil-proporzjon tad-dħul għall-ispejjeż li hija biss ta' natura temporanja, kemm jekk minħabba flutwazzjonijiet staġjonali, fatturi esterni temporanji jew investimenti frotta li d-detentur tal-konċessjoni għandu l-intenzjoni li jammortizza fuq ċertu perjodu ta' żmien, ma tistax tiġġustifika ċ-ċaħda ta' konċessjoni ġdida.

- (32) Fuq il-bażi ta' dak imsemmi, jidher li t-tieni kriterju kien interpretat mill-Qorti Amministrattiva Suprema Awstrijaka bħala li mhux intiż biex jillimita l-kompetizzjoni. Dan jillimita kull lok għal deċiżjoni arbitrarja tal-awtorità li tagħti l-konċessjoni. Barra dan, jista' jiġi inferit mis-sentenza tal-Qorti Amministrattiva Suprema Awstrijaka li sistema ta' awtorizzazzjonijiet li tistabbilixxi kriterji speċifiċi għall-istabbiliment ta' preżunzjoni tan-nuqqas ta' interess pubbliku fajruport ġdid kienet maħluqa fuq is-suppożizzjoni li l-ajruport ġdid jipprovdi servizzi li huma affidabbli u ta' kwalità tajba. Jidher li l-leġiżlazzjoni Awstrijaka rilevanti, u l-interpretazzjoni tat-tieni kriterju msemmi mill-Qorti Amministrattiva Suprema Awstrijaka jirriflettu ġenwinament tħassib biex jinkisbu l-għanijiet tal-leġiżlazzjoni b'mod konsistenti u sistematiku. Għalhekk, għall-finijiet ta' din id-deċiżjoni, jista' jiġi konkluż li l-kundizzjonijiet biex tingħata liċenzja biex jiġi stabbilit ajruport fl-Awstrija jilhq u l-kriterji tal-oġġettività, tan-nondiskriminazzjoni u tat-trasparenza, u, skont dan, li l-aċċess għas-suq għall-provvista tal-infrastruttura tal-ajruport jista' jitqies liberu *de jure*.
- (33) Sa fejn hija kkonċernata l-valutazzjoni tal-aċċess liberu għas-suq *de facto*, l-Applikant jgħid li l-aċċess mhux ristrett għaliex qed jiġu stabbiliti ajruporti kummerċjali ġodda. L-Applikant jikkwota l-ajruport ta' Berlin Branderburg u l-ajruport ta' Lublin bħala eżempji. Skont l-Applikant, l-ajruport ta' Berlin Branderburg huwa meqjus kemm mill-grupp tal-Lufthansa kif ukoll mill-grupp ta' airberlin bħala alternattiva konkreta għall-ajruport ta' Vjenna. Barra dan, l-ajruporti militari jistgħu jiġu adattati biex joperaw bħala ajruporti kummerċjali, eż. GRZ u LNZ fl-Awstrija. Barra dan, l-Applikant isostni li l-ajruporti kummerċjali eżistenti jistgħu jiġu estiżi, eż. l-ajruporti ta' Frankfurt Hahn u Weeze fil-Ġermanja.
- (34) Fuq il-bażi tal-informazzjoni sottomessa mill-applikant, huwa diffiċli li jiġi stabbilit b'mod konklużiv jekk l-aċċess għas-suq biex jiġu stabbiliti ajruporti ġodda huwiex ristrett *de facto*. Meta jiġi stabbilit ajruport ġdid, min ser jipprova jidħol ġdid ser jeħtieġ jagħmel investimenti kapitali għoljin u għalhekk ser ikun hemm riskju sinifikanti li jkunu involuti spejjeż mitlufa li jistgħu jiskoraġġixxu dawk li jipprovaw jidħlu ġodda. Madankollu, jidher li dawn l-ispejjeż huma parti mir-riskji kummerċjali normali li dawk li jidħlu ġodda jridu jħallsu meta jiddeċiedu li jstabbilixxu ajruport ġdid. Ma hemm l-ebda informazzjoni dwar ostakli fattwali eżistenti għad-dħul fis-suq konċernat ħlief mir-riskju kummerċjali normali inerenti meta jsir investment kbir li jikkonċerna l-provvista ta' infrastruttura ta' ajruport. Għalhekk huwa meqjus, għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, li l-aċċess għas-suq huwa liberu *de facto*.

3.2. Valutazzjoni kompetittiva — Analiżi tas-suq

- (35) Din it-taqsimha ser tanalizza jekk it-tieni kundizzjoni għal eżenzjoni ġietx issodisfata jew le, jiġifieri li l-attività koperta mit-Talba, u li tissodisfa l-kundizzjoni tal-aċċess liberu għas-suq *de jure* u *de facto*, hija direttament esposta għall-kompetizzjoni. Għal dan l-għan, jiġu ddefiniti l-prodott rilevanti u s-suq ġeografiku rispettiv, u fuq dik il-bażi titwettaq analiżi tas-suq.

3.2.1. Definizjoni tas-Suq tal-Prodott

- (36) Skont deċiżjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni ⁽¹⁾ s-swieq tal-prodott li ġejjin kienu meqjusin bħala swieq tal-prodotti rilevanti għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni għal-linji tal-ajru u l-ajruporti: (i) il-provvista ta' servizzi tal-infrastruttura tal-ajruporti (li jinkludu l-iżvilupp, il-manutenzjoni, l-użu u l-provvista ta' faċilitajiet tar-runway, taxiways u struttura oħra tal-ajruporti, kif ukoll il-koordinazzjoni u l-kontroll tal-attivitajiet imwettqin fuq dawn l-infrastrutturi); (ii) il-provvista (jew l-ikkuntrattar) tas-servizzi tal-groundhandling; u (iii) il-provvista (jew l-ikkuntrattar) ta' servizzi kummerċjali assoċjati (eż. ix-xorb u l-ikel, il-bejgħ tal-ispażju tar-reklamar) ⁽²⁾.

⁽¹⁾ M.7398 — *Mirael/Ferrovial/NDH1*, premessa 19; M.786 — *Birmingham International Airport*, premessa 15, M. 6732 — *Ferrovial/Qatar Holding/CDPQ/Baker Street/BAA*, premessa 21; M. 5652 — *GIP/Gatwick Airport*, premessa 21; M. 1035 — *Hochtief/Aer Rianta/Düsseldorf Airport* premessa 11; M.2262 *Flughafen Berlin II* premessa 13; u M.3823 — *MAG/Ferrovial Aeropuertos/Exeter Airport* premessa 15.

⁽²⁾ Is-servizzi tas-sigurtà tal-ajruport ġeneralment mhumiex meqjusin bħala attività ekonomika, għalhekk, ir-regoli tal-kompetizzjoni normalment ma japplikawx (eż. id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Mejju 2005 fil-kawża COMP/D3/38469, ilment relatat mal-imposti mitluba minn AIA SA u l-Olympic Fiel Company SA.).

- (37) Is-servizzi ta' infrastruttura tal-ajruporti jistgħu jiġu maqsumin skont l-oġġett tat-trasport bħala traffiku tal-passiġġieri u dawk relatati mat-trasport tal-merkanzija minħabba li, minbarra r-runways, it-traffiku tal-passiġġieri u t-trasport tal-merkanzija jeħtieġu infrastruttura differenti.
- (38) Il-merkanzija normalment hija trasportata permezz ta' mezzi tat-trasport transmodali "lura minn" u "lil hinn" mill-punti tal-orijini u tad-destinazzjoni. Barra dan, għall-kuntrarju tal-passiġġieri, il-merkanzija tista' tiġi direzzjonata b'numru ogħla ta' waqfiet. Barra dan, skont id-deċiżjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni ⁽¹⁾ s-swieg tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru huma inerentement unidirezzjonali minħabba d-differenzi fid-domanda f'kull tarf tar-rotta.
- (39) L-Applikant jaqbel mad-definizzjoni tas-suq tal-prodott kif stabbilita mill-prattika tal-Kummissjoni u struttura t-Talba skont dan.
- (40) Fl-isfond tal-fatturi eżaminati fil-premessi 36 sa 39, għall-finijiet tal-valutazzjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE humiex issodisfati, u mingħajr ħsara għall-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni f'oqsma oħra tad-dritt tal-Unjoni, is-suq tal-prodotti rilevanti huwa l-provvista tal-infrastruttura tal-ajruport għall-merkanzija.

3.2.2. Definizzjoni u Valutazzjoni Kompetittiva tas-Suq Ġeografiku

- (41) Din it-taqsimha tħares lejn id-definizzjoni tas-suq ġeografiku rilevanti li jikkorrispondi għas-suq tal-prodotti ddefinit, telenka l-argumenti tal-applikant u tagħti l-osservazzjonijiet u l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwarhom, u tivvaluta s-sitwazzjoni kompetittiva.
- (42) Skont l-Applikant ⁽²⁾ id-definizzjoni eżatta tas-suq għall-merkanzija tista' titħalla miftuħa, għall-finijiet tat-Talba. Barra dan, l-Applikant jargumenta li s-suq ġeografiku jidher li huwa l-Ewropa kollha.
- (43) Filwaqt li f'deċiżjonijiet preċedenti ⁽³⁾, il-Kummissjoni sabet li s-suq rilevanti fir-rotot intra-Ewropej tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru jista' jiġi definit bħala l-Ewropa kollha u għandu jinkludi modalitajiet alternattivi ta' trasport, notevolment it-trasport bit-triq u bil-ferrovija, ta' min wieħed jiftakar li s-suq tal-prodotti għall-finijiet tad-deċiżjoni preżenti mhumiex it-trasport tal-merkanzija bl-ajru, iżda il-provvista tal-infrastruttura tal-ajruport għall-merkanzija.
- (44) Għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE, u mingħajr ħsara għad-dritt tal-kompetizzjoni, jew kwalunkwe qasam tad-dritt tal-Unjoni, il-Kummissjoni tqis li d-dimensjoni ġeografika eżatta tas-suq tal-prodott rilevanti tista' titħalla miftuħa, billi s-sehem mis-suq tal-Applikant fl-iktar definizzjoni ristretta xorta waħda se jkun żgħir.
- (45) Skont l-informazzjoni pprovduta mill-Applikant ⁽⁴⁾, dwar is-suppożizzjoni li s-suq ġeografiku rilevanti huwa fl-Ewropa kollha, l-ishma mis-suq ta' VIE ⁽⁵⁾ fir-rigward tal-merkanzija kienu [...] % fl-2010, [...] % fl-2011 u [...] % fl-2012, filwaqt li l-ajruporti l-oħra għandhom ishma mis-suq aktar baxxi minn 1 % fit-tliet snin kollha. Permezz ta' approċċ aktar konservattiv meta jitqies li s-suq ġeografiku jinkludi biss il-hubs tal-Lufthansa, l-ishma mis-suq ta' VIE kienu ta' [...] % fl-2010; [...] % fl-2011 u [...] fl-2012, filwaqt li l-ajruporti Awstrijaċi l-oħra kellihom inqas minn 1 % fit-tliet snin kollha. Dawn il-fatturi għalhekk għandhom jittieħdu bħala indikazzjoni ta' esponent dirett għall-kompetizzjoni fir-rigward ta' din l-attività.

⁽¹⁾ M.5141 — KLM/Martinair, premessa 38; M.5440 -Lufthansa/Austrian Airlines, premessa 31.

⁽²⁾ Ittra tal-Applikant datata l-4 ta' Settembru, paġna 19.

⁽³⁾ Il-Kawża M.3280, *Air France/KLM*, paragrafu 36 tal-11 ta' Frar 2004; Il-Kawża M.5440, *Lufthansa/Austrian Airlines*, paragrafu 29 tat-28 ta' Awwissu 2009; Il-Kawża M.5747, *Iberia/British Airways*, paragrafu 41, tat-8 ta' Settembru 2010.

⁽⁴⁾ L-Anness 7 tat-Talba.

⁽⁵⁾ L-ishma mis-suq ġew ikkalkulati filwaqt li ma tqisux l-ajruporti kollha tal-Ewropa, iżda għadd iżgħar ta' ajruporti, li aktarx jagħmlu l-akbar pressjoni kompetittiva fuq VIE. Dawn l-ajruporti huma: l-Ajruport ta' Amsterdam Schiphol (AMS); l-Ajruport ta' Charles de Gaulle (CDG); l-Ajruport ta' Dusseldorf (DUS); l-Ajruport ta' Fiumicino (FCO); l-Ajruport ta' Frankfurt (FRA); l-Ajruport ta' Munich (MUC); l-Ajruport ta' Milan Malpensa (MXP); SZG; l-Ajruport ta' Berlin Tegel (TXL) u l-Ajruport ta' Zurich (ZRH).

- (46) Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni u mingħajr ħsara għad-dritt tal-kompetizzjoni, il-fatturi elenkati fil-premessa (45) għandhom jitqiesu bħala indikazzjoni ta' esponiment għall-kompetizzjoni, ta' din l-attività fl-Awstrija. Konsegwentement, minħabba li l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE huma ssodisfati, għandu jiġi stabbilit li d-Direttiva 2014/25/UE ma tapplikax għall-kuntratti intiżi biex jippermettu t-twettiq ta' din l-attività fl-Awstrija.

4. KONKLUŻJONIJIET

- (47) Minħabba l-fatturi eżaminati fil-premessi 1 sa 46, il-kundizzjoni tal-esponiment dirett għall-kompetizzjoni stabbilita fl-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE għandha titqies li ġiet issodisfata fl-Awstrija fir-rigward tal-provvista tal-infrastruttura tal-ajruporti għall-merkanzija,
- (48) Minħabba li l-kundizzjoni ta' aċċess mhux ristrett għas-suq titqies issodisfata, id-Direttiva 2014/25/UE la għandha tapplika meta l-entitajiet kontraenti jagħtu kuntratti intiżi biex jippermettu t-twettiq ta' dawk is-servizzi fl-Awstrija, u lanqas meta jiġu organizzati konkorsi tad-disinn għat-twettiq ta' tali attività f'dak il-pajjiż.
- (49) Din id-Deċiżjoni hija bbażata fuq is-sitwazzjoni legali u fattwali minn Jannar 2015 sa Novembru 2016 kif jidher mill-informazzjoni mogħtija mill-Applikant u mill-Awtoritajiet Awstrijaċi. Din tista' tiġi riveduta, f'każ li l-kundizzjonijiet għall-applikabbiltà tal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE ma jibqgħux jiġu ssodisfati, wara bidliet sinifikanti fis-sitwazzjoni legali jew fattwali.
- (50) Billi xi servizzi fir-rigward tal-provvista tal-infrastruttura tal-ajruport lil-linji tal-ajru (bħall-infrastruttura tal-ajruport għas-servizzi tat-traffiku tal-passiġġieri, tal-groundhandling u s-servizzi mhux ajrunawtiċi) jibqgħu jkun soġġetti għad-Direttiva 2014/25/UE, ta' min wieħed ifakkar li l-kuntratti ta' akkwist li jkopru bosta attivitajiet għandhom jiġu ttrattati skont l-Artikolu 6 ta' dik id-Direttiva. Dan ifisser li, meta entità kontraenti tkun involuta f'akkwist "imħallat", jiġifieri akkwist użat biex jingħata sostenn għall-prestazzjoni kemm tal-attivitajiet eżentati mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/25/UE kif ukoll tal-attivitajiet li mhumiex eżentati, għandhom jitqiesu l-attivitajiet li għalihom huwa intenzjonat prinċipalment il-kuntratt. F'każ ta' akkwist imħallat bħal dan, meta l-iskop ikun prinċipalment is-sostenn ta' attivitajiet li mhumiex eżentati, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/25/UE. Jekk ikun oġġettivament impossibbli li jiġi determinat għal liema attività jkun primarjament intiż il-kuntratt, il-kuntratt għandu jingħata skont ir-regoli msemmija fl-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 2014/25/UE⁽¹⁾.
- (51) Huwa mfakkar li l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁾ dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni jipprovdi għal eżenzjoni mill-applikazzjoni ta' dik id-Direttiva għal konċessjonijiet mogħtija minn entitajiet kontraenti fejn, għall-Istat Membru li fih ser jitwettqu l-konċessjonijiet, ikun ġie stabbilit skont l-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE li l-attività hija esposta direttament għall-kompetizzjoni. Billi ġie konkluż li l-attività tal-provvista tal-infrastruttura tal-ajruport lil-linji tal-ajru għat-trasport tal-merkanzija hija soġġetta għall-kompetizzjoni, il-kuntratti tal-konċessjoni intiżi biex jippermettu t-twettiq ta' dawk l-attivitajiet fir-Repubblika tal-Awstrija mhux ser ikunu esklużi mill-qasam ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/23/UE.
- (52) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv għall-Kuntratti Pubbliċi,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2014/25/UE ma għandhiex tapplika għal kuntratti mogħtija minn entitajiet kontraenti u bil-ħsieb li tkun permessal-provvista tal-infrastruttura tal-ajruport għall-merkanzija li titwettaq fl-Awstrija.

⁽¹⁾ L-istess riżultat materjali jirriżulta wkoll mill-applikazzjoni tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/17/KE.

⁽²⁾ Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Awstrija.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Jannar 2017.

Għall-Kummissjoni
Elżbieta BIEŃKOWSKA
Membru tal-Kummissjoni

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/133**tal-25 ta' Jannar 2017****dwar iż-żamma b'restrizzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea tar-referenza tal-istandard armonizzat EN 14342:2013 "Pavimentar tal-injam: Karatteristiċi, evalwazzjoni ta' konformità u mmarrkar" skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kundizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 18(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011, l-istandards armonizzati previsti fl-Artikolu 17 għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-sistema armonizzata stabbiliti f'dan ir-Regolament jew permezz tiegħu.
- (2) Fl-Lulju 2013, il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) adotta l-istandard armonizzat EN 14342:2013 "Pavimentar tal-injam: Karatteristiċi, evalwazzjoni ta' konformità u mmarrkar". Ir-referenza tal-istandard għet ippubblikata sussegwentement f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾.
- (3) Fil-21 ta' Awwissu 2015, il-Ġermanja nediet oġġezzjoni formali fir-rigward tal-istandard armonizzat EN 14342:2013. L-oġġezzjoni formali rreferiet għall-Klawsola 4.4 ta' dak l-istandard, rigward il-metodi u l-kriterji ta' valutazzjoni għal ċerti sustanzi perikolużi, u talbet għat-tneħħija tar-referenza tal-istandard minn Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew, inkella, restrizzjoni li teskludi l-Klawsola 4.4 ta' dak l-istandard mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dik ir-referenza.
- (4) Skont il-Ġermanja, dak l-istandard ma fihx metodi armonizzati għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-prodotti għall-bini inkwistjoni b'rabta mar-rilaxx ta' karatteristika essenzjali ta' sustanzi perikolużi oħrajn. Fil-fatt, il-Klawsola 4.4. tal-istandard jiddikjara li l-verifika u dikjarazzjoni dwar ir-rilaxx jew il-kontenut ta' sustanzi perikolużi oħra minn dawk trattati fi klawsoli oħra tal-istandard għandha ssir b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet nazzjonali fil-post tal-użu.
- (5) Il-Ġermanja kkunsidrat li dan in-nuqqas jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 17(3) tar-Regolament (UE) Nru 305/2011, minħabba li l-istandard inkwistjoni ma ssodisfax għalkollox ir-rekwiżiti stabbiliti fil-mandat rilevanti kif previst fl-Artikolu 18.
- (6) Barra minn hekk, il-Ġermanja enfasizzat l-importanza ta' trattament xieraq tar-rilaxxi ta' sustanzi perikolużi oħrajn bħal dawn, b'mod partikolari l-komposti organiċi volatili (KOV), fi ħdan l-istandards armonizzati b'mod partikolari għall-prodotti inkwistjoni b'bażi tal-injam.
- (7) Għal dawn ir-raġunijiet, il-Ġermanja talbet għat-tneħħija tar-referenza ta' dak l-istandard, jew inkella għar-restrizzjoni tagħha billi tiġi eskluża l-Klawsola 4.4 mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jadottaw dispożizzjonijiet nazzjonali għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni b'rabta mal-karatteristika essenzjali inkwistjoni, fir-rigward tar-rilaxx ta' sustanzi perikolużi oħrajn.

⁽¹⁾ ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5.

⁽²⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kundizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE (ĠU C 259, 8.8.2014, p. 1). L-aktar pubblikazzjoni riċenti: Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi kundizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE (ĠU C 398, 28.10.2016, p. 7).

- (8) Meta tiġi vvalutata l-ammissibilità tat-talbiet imressqa, jenħtieġ li jiġi ddikjarat li jekk it-talba alternattiva tal-Ġermanja kellha tintfiehemi li tikkostitwixxi talba separata bl-għan li l-Istati Membri jkunu jistgħu jimplementaw dispożizzjonijiet nazzjonali li jstabbilixxu rekwiżiti addizzjonali, talba bħal din ma kinitx tiffoka fuq il-kontenut ta' EN 14342:2013, u għaldaqstant jenħtieġ li titqies inammissibbli. Madankollu, minħabba li l-kliem tat-talba b'mod ċar qed jirreferi direttament għar-restrizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-referenza ta' dak l-istandard, jenħtieġ li d-dikjarazzjonijiet tal-Ġermanja dwar il-konsegwenzi ta' restrizzjoni bħal din jitqiesu biss bħala partijiet tal-argumentazzjoni mogħtija fi ħdan l-oġġezzjoni formali u għaldaqstant ma jitqisux separati.
- (9) Skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament (UE) Nru 305/2011, l-istandards armonizzati għandhom jipprovdu l-metodi u l-kriterji għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-prodotti koperti minnhom fir-rigward tal-karatteristiċi essenzjali tagħhom. Kif affermat il-Ġermanja, il-Klawsola 4.4 ta' EN 14342:2013 tippreżenta biss referenza għar-rekwiżiti nazzjonali fis-seħħ. F'dan ir-rigward, EN 14342:2013 mhuwiex konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 17(3) tar-Regolament (UE) Nru 305/2011.
- (10) Barra minn hekk, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ⁽¹⁾ tindika li l-Istati Membri mhumix intitolati jimplementaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni b'rabta ma' kwalunkwe karatteristika essenzjali lil hinn minn dak li hemm fl-istandards armonizzati, fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni jew l-użu tal-prodotti għall-bini koperti minnhom. Għalhekk, il-kontenut ta' EN 14342:2013 huwa wkoll f'kunflitt ma' dawk il-prinċipji.
- (11) Għaldaqstant u fid-dawl tal-fatt li r-Regolamenti huma applikabbli direttament, jenħtieġ li l-Klawsola 4.4 ta' EN 14342:2013 ma tiġix applikata, irrISPettivament mill-eżitu ta' din il-proċedura ta' oġġezzjoni formali.
- (12) Madankollu, minħabba li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ⁽²⁾ tikkonferma n-natura eżawrjenti tas-sistema armonizzata stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 305/2011 jew permezz tiegħu, l-invalidità tal-Klawsola 4.4 ta' EN 14342:2013 ma timplikax li l-Istati Membri jistgħu jadottaw dispożizzjonijiet nazzjonali għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni fir-rigward tal-karatteristika essenzjali tas-sustanzi perikolużi, fir-rigward tar-rilaxx ta' karatteristika essenzjali ta' sustanzi perikolużi oħrajn.
- (13) Abbażi tal-kontenut ta' EN 14342:2013 kif ukoll tal-informazzjoni ppreżentata mill-Ġermanja, mill-Istati Membri l-oħrajn, mis-CEN u mill-industrija, u wara li ġew ikkonsultati l-kumitati stabbiliti bl-Artikolu 64 tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 u bl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾, jenħtieġ li jiġi nnotat li ma għet espressal-ebda oġġezzjoni sostanzjali kontra l-pubblikazzjoni kontinwata tar-referenza ta' dak l-istandard f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. L-esklużjoni tal-Klawsola 4.4 mill-kamp ta' applikazzjoni tar-referenza ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* qajmet tħassib abbażi ta' interpretazzjoni tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja bħallikieku tħalli lill-Istati Membri jstabbilixxu rekwiżiti li jllimitaw iċ-ċirkolazzjoni ħielsa ta' dawk il-prodotti, jekk jieħdu l-pożizzjoni li s-sikurezza ta' prodott mhijiex żgurata biżżejjed. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja stess diġà ddikjarat li interpretazzjoni bħal din se toħloq dubju dwar l-effettività [(“effet utile”)] tal-armonizzazzjoni f'dan il-qasam ⁽⁴⁾.
- (14) Jenħtieġ li n-natura allegatament inkompleta ta' dak l-istandard ma tkunx meqjusa bħala raġuni biżżejjed sabiex tiġi aċċettata l-ewwel talba tal-Ġermanja, jiġifieri t-tneħħija totali tar-referenza tal-istandard EN 14342:2013 minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għalhekk jenħtieġ li dik it-talba tiġi miċħuda.
- (15) Għat-talba alternattiva dwar ir-restrizzjoni tar-referenza billi tiġi eskluża l-Klawsola 4.4 mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, l-ewwel nett jenħtieġ li jiġi mfakkar li, kif diġà ntweru, dik il-klawsola ma għandhiex tiġi applikata, irrISPettivament mill-eżitu ta' din il-proċedura ta' oġġezzjoni formali. Madankollu, għal raġunijiet ta' ċarezza, huwa meħtieġ li dik il-klawsola invalida tiġi eskluża mir-referenza.
- (16) Għalhekk jenħtieġ li r-referenza ta' EN 14342:2013 tinżamm, imma hemm bżonn li tiġi introdotta restrizzjoni li teskludi l-Klawsola 4.4 ta' dak l-istandard mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu,

⁽¹⁾ Ara b'mod partikolari l-paragrafu 55 tas-sentenza tal-QĠE dwar il-kawża C-100/13 (*Il-Kummissjoni vs il-Ġermanja*).

⁽²⁾ Ara l-paragrafu 62 tas-sentenza tal-QĠE dwar il-kawża C-100/13 (*Il-Kummissjoni vs il-Ġermanja*).

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

⁽⁴⁾ Ara l-paragrafu 60 tas-sentenza tal-QĠE dwar il-kawża C-100/13 (*Il-Kummissjoni vs il-Ġermanja*).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-referenza tal-istandard armonizzat EN 14342:2013 “Pavimentar tal-injam; Karatteristiċi, evalwazzjoni ta’ konformità u mmarkar” għandha tinżamm b’restrizzjoni.

Il-Kummissjoni għandha żżid ir-restrizzjoni li ġejja fil-lista ta’ referenzi tal-istandards armonizzati ppubblikati f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*: “Il-Klawsola 4.4 tal-istandard EN 14342:2013 hija eskluża mill-kamp ta’ applikazzjoni tar-referenza ppubblikata”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta’ Jannar 2017.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

III

(Atti oħrajn)

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA

Nru 185/16/COL

tat-12 ta' Ottubru 2016

li tapprova l-Pjan ta' Prestazzjoni tan-Netwerk għat-tieni perjodu ta' referenza tal-iskema ta' prestazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew (2015-2019) [2017/134]

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA,

Wara li kkunsidrat l-att imsemmi f'punt 66t tal-Anness XIII tal-Ftehim taż-ŻEE (ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew, kif emendat), kif adattat għall-Ftehim taż-ŻEE permezz tal-Protokoll 1 tiegħu, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-att imsemmi f'punt 66xf tal-Anness XIII tal-Ftehim taż-ŻEE (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 390/2013 tat-3 ta' Mejju 2013 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u għall-funzjonijiet tan-netwerk), kif adattat għall-Ftehim taż-ŻEE permezz tal-Protokoll 1 tiegħu, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(d) tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mal-att imsemmi fil-punt 66wn tal-Anness XIII tal-Ftehim taż-ŻEE (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 677/2011 tas-7 ta' Lulju 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-funzjonijiet tan-netwerk tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 691/2010 il-Maniġer tan-Netwerk għandu jagħti kontribut għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' prestazzjoni.
- (2) Skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013, il-Maniġer tan-Netwerk fassal il-Pjan ta' Prestazzjoni tan-Netwerk għat-tieni perjodu ta' referenza tal-iskema ta' prestazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew (2015-2019).
- (3) Il-Pjan ta' Prestazzjoni tan-Netwerk ġie evalwat fid-dawl tal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni kollha ⁽¹⁾ u, mutatis mutandis, tal-kriterji stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013, kif ukoll tar-rekwiżiti l-oħra ta' dak ir-Regolament.
- (4) Il-valutazzjoni wriet li l-Pjan ta' Prestazzjoni tan-Netwerk huwa konformi ma' dawk il-miri, il-kriterji u r-rekwiżiti. B'mod partikolari, fir-rigward tal-oqsma ewlenin ta' prestazzjoni tas-sikurezza, tal-ambjent u tal-kapaċità, il-miri stabbiliti fil-Pjan huma ugwali għall-miri rispettivi għall-Unjoni kollha u b'konsegwenza ta' dan huma konsistenti ma' dawk il-miri għall-Unjoni kollha. Fir-rigward tal-qasam ewlieni ta' prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, il-miri stabbiliti fil-Pjan huma konsistenti wkoll mal-miri għall-Unjoni kollha, peress li t-tendenza ta' tnaqqis tal-kostijiet stabbiliti għal kull unità hija ogħla mill-mira għall-Unjoni kollha.
- (5) Għalhekk huwa xieraq li l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tapprova l-verżjoni finali tal-Pjan ta' Prestazzjoni tan-Netwerk, fl-edizzjoni tiegħu ta' Ġunju 2015, kif imfassla mill-Maniġer tan-Netwerk.

⁽¹⁾ L-att imsemmi fil-punt 66xe tal-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/132/UE tal-11 ta' Marzu 2014 li tistabbilixxi miri tal-prestazzjoni mal-Unjoni kollha għan-netwerk tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u l-livelli limiti ta' twissija għat-tieni perjodu ta' referenza mill-2015 sal-2019).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Pjan ta' Prestazzjoni tan-Netwerk għat-tieni perjodu ta' referenza tal-iskema ta' prestazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew (2015-2019), fl-edizzjoni ta' Ġunju tal-2015, kif ippreżentat mill-Maniġer tan-Netwerk, huwa approvat.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Ottubru 2016.

Għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA

Sven Erik SVEDMAN

Il-President

Helga JÓNSDÓTTIR

Membru tal-Kulleġġ

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT